**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 5 ta' Mejju 2022**

**Rikors Nru. 1018/2018 GM**

**Marta Mamo (lD. 322793M)**

**vs**

**Charles Camilleri (ID. 300485M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Marta Mamo li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi:

1. Il-partijiet kellhom relazzjoni, liema relazzjoni damet diversi snin u intemmet f'Mejju tas-sena 2018;

2. Il-konvenut jiġġestixxi n-negozju *'Ta Matti & Sons*, ġewwa s-Siġġiewi u r- rikavat minn dan in-negozju dejjem jipperċipih huwa;

3. L-esponenti ilha sa minn Lulju tat-2013 taħdem fl-istess negozju mal-konvenut b'dana li minn Lulju sa Diċembru 2013 hija kienet taħdem fuq bażi *part-time* u minn Jannar 2014 sa meta temmet ir-relazzjoni f'Mejju 2018, hija kienet taħdem mal-konvenut fuq bażi *full-time* u kienet tipprovdi 'l fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-gimgħa xogħol kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-kawża;

4. Matul dan il-perjodu l-konvenut qatt ma ħallas lill-esponenti ebda paga. Illi l-konvenut l-ewwel kien wiegħed lill-esponenti li ser iħallasha paga u konsegwentement għax-xogħol li hija kienet tagħmel, kien wegħda li ser jibni penthouse u li din kien ser jeqliba fuq isem l-esponenti u għalhekk issir proprjetarja tagħha hija. Illi madanakollu din il-wegħda qatt ma immaterjalizzat ruħha;

5. Il-konvenut ġie nterpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' flejjes dovuti lill-esponenti iżda baqa' inadempjenti;

6. L-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha hawn dikjarati;

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1) Tiddikjara illi l-esponenti fuq medda ta' kważi ħames snin u ċioe' minn Lulju, 2013 sa Mejju 2018 ipprestat serviġi fin-negozju tal-konvenut, liema serviġi għandhom jiġu kumpensati.

2) Tillikwida anke bl-opera ta' periti nominandi dik is-somma dovuta lill-esponenti mill-konvenut bħala ħlas għas-serviġi prestati minnha lilu fin-negozju tiegħu.

3) Tordna lill-konvenut iħallas lill-esponenti dik is-somma hekk likwidatat fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Charles Camilleri [K.1. Nru. 300485M] li permezz tagħha eċċepeixxa illi :

1. Ma jeżistux l-elementi hekk kif rikjesti mil-liġi u hekk kif imfissra matul iż-żmien mill-Qrati tagħna, sabiex it-talbiet tar-rikorrenti jirnexxu, u dan kif ser jiġi muri tul is-smigħ ta' din il-kawża.

2. It-talbiet rikorrenti huma għal kollox kontestati partikolarment kunsidrat il-livell ta' qrubija tal-kontendenti tul is-snin u ż-żmien li għalih jirreferu t-talbiet rikorrenti; ma huwiex filfatt minnu li hemm xi serviġi, l-valura ta' liema għandu jiġi likwidat favur ir-rikorrenti.

3. Anke kieku kienu jeżistu l-elementi meħtieġa sabiex isostnu t-talbiet tar-rikorrenti, din diġa` ġiet kumpensata in eċċess ta' kwalunkwe pretensjoni minnha vantata.

4. It-talbiet tar-rikorrenti kif imressqa jibqgħu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-atti tal-kawża.

Studjat in-noti ta' sottomissjonijet tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

***Kunsiderazzjonijiet legali:***

Din hija kawża għall-ħlas tas-serviġi. L-istitut tas-serviġi ma jinstabx irregolat speċifikament fil-Kodiċi Ċivili. Ġie iżda elaborat ampjament mill-ġurisprudenza tul iż-żmien, anke għaliex jitratta fattispeċje ferm komuni fil-gżejjer tagħna, fejn wieħed tradizzjonalment jgħin lill-ieħor, speċjalment lil membri tal-familja tiegħu.

L-azzjoni għall-ħlas ta` kumpens għal serviġi reżi, skont il-kunsens unanimu tal-ġurisprudenza tagħna; hija bbażata ġuridikament fuq il-kważi-kuntratt.

Bħala prinċipju, il-prestazzjoni tas-serviġi mhix preżunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita` u r-rinunzja għall-kumpens m'għandhomx jiġu milqugħa faċilment. Min jallega li s-serviġi saru b'xejn irid iġib provi tajbin biżżejjed biex iwaqqa' l-preżunzjoni li s-serviġi saru bi ħsieb ta' ħlas.[1] Fis-sentenzi antiki nsibu istanzi fejn il-Qrati ppreżumew il-gratuwita` ta' serviġi bejn parentela stretta. Iżda anke f'dan il-każ, fil-ġurisprudenza iktar riċenti, din il-preżunzjni ġiet abbandunata, u llum, anki għar-rigward tal-parenti, huwa applikabbli l-prinċipju li kwalunkwe serviġi jiġu ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens, sakemm ma jikkonkorrux ċirkustanzi tali li jiġġustifikaw konkludentement il-gratuwita`. Jekk il-provi juru li, meta ġew prestati s-serviġi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jitħallas għalihom, ma hemmx lok għall-kumpens.

Ċertament, l-intenzjoni tas-serventi li jitħallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta` importanza f`kawzi bhal dawn; kif ukoll

[1] Giuseppina Deidun v Emila Poggi 06.10.1954 Prim'Awla.

mhux ta` min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-għaliex, tant mill-*punto di vista* tal-intenzjoni tar-retribwibbilita`, kemm mill-punto di vista tal-miżura tal-kumpens, dawn il-punti għandhom importanza. Hekk, per eżempju, fil-każ li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b`persuna li taf li hija fqira, il-preżunzjoni li dawk is-serviġi saru bil-fehma ta` ħlas ma tregix; u mill-banda l-oħra lanqas tista` tiġi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f`dak l-istat finanzjarju. Jingħad ukoll li, jekk persuna li tiġi servuta tkun ta` fakoltajiet ekonomiċi ristretti, imma mhux tali li tkun indiġenti, huwa preżunt li tisserva b`persuna li tkun kuntenta b`retribuzzjoni moderata, u mhux ġa tali li tirrendiha ndigenti. [2]

Fin-nuqqas ta` ftehim espress dwar il-kumpens li għandu jitħallas, il-ġurisprudenza tagħna elenkat lista ta` fatturi li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni meta ssir il-likwidazzjoni :-

(i) il-grad ta` qrubija bejn min jaqdi u l-persuna megħjuna.

(ii) il-frekwenza tas-serviġi.

(iii) in-natura tas-serviġi.

(iv) il-kedda, l-inkonvenjent jew it-tbatija biex ingħataw is-serviġi.

(v) il-grad ta` ħila jew speċjalizzazzjoni li jkunu eserċitati fit-twettieq tas-serviġi.

(vi) jekk mal-għoti tas-serviġi l-persuna konċernata tkun inkorriet spejjeż jew infieq minn tagħha.

(vii) il-mezzi tal-persuna li tkun ħadet vantaġġ mill-prestazzjonijiet.

(viii) il-beneficcju jew kumpens digà godut mill-persuna li tkun ipprestat is-serviġi.

Ikkunsidrat:

[2] *Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe' li kienet deciza minn din il-Qorti fil-15 ta` Frar 1958*

***Fatti:***

Il-partijiet kellhom relazzjoni għal diversi snin li ntemmet f'Mejju tas-sena 2018, f'liema żmien kellhom tarbija.

Il-konvenut jiġġestixxi n-negozju *Ta' Matti & Sons*, ġewwa s-Siġġiewi u r-rikavat minn dan in-negozju dejjem jipperċipih huwa.

Waqt ir-relazzjoni, minn Lulju tat-2013 sat-tmiem tagħha, l-attriċi ħadmet fl-istess negozju tal-konvenut: minn Lulju sa Diċembru 2013 fuq bażi *part-time* u minn Jannar 2014 sa meta ntemmet ir-relazzjoni f'Mejju 2018, 'l fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-gimgħa. Il-konvenut wiegħdha €8 fis-siegħa. Kienet tibda bejn is-7.30 u 8 a.m. u tispiċċa tard bil-lejl għall-ħabta tal-11.30 pm u nofsillejl, mit-Tnejn sal-Ħadd. Ftit wara li welldet tarbija, li missierha hu l-attur, xorta kienet tidħol xogħol għalkemm għal disa' siegħat kuljum għal sitt xhur. Kompliet bis-sigħat ta' qabel meta ġiebet *babysitter* għat-tifla.[3]

Kienet tagħmel diversi tipi ta' xogħol. Filgħodu tixtri li spare parts tal-vetturi u qadjiet oħra relatati man-negozju. Fil-barriera tiġbor il-kontijiet, tagħmel statements, tagħmel rendikont ta' min iħallas, u tippreprara delivery notes. Ħolqot balance sheets dwar xogħol ta' tpartit. Kienet iżżur diversi negozji sabiex jiġu ffirmati s-set-offs. Kienet ukoll tagħmel xogħol manwali fosthom billi tgħin lill-konvenut jaħsel il-garaxx, tgħabbi xogħol għall-għodda, u tnewwel l-għodda.[4]

Fil-25 ta' Mejju 2014 welldet tarbija li missierha naturali hu l-konvenut.

---

[3] Fol 41.
[4] Fol 39-40.

Fis-sena 2014 ix-xogħol fl-uffiċċju żdied, u kienet fost ħwejjeġ oħra għamlet disinn tal-logos tan-negozju waqt li kienet tagħmel xogħol ta' resources manager – toħroġ il-payslips u tiċċekkja kemm għamlu sigħat il-ħaddiema. Kienet tieħu ħsieb il-permessi tat-trakkijiet u l-applikazzjonijiet kollha meħtieġa. Tattendi laqgħat għand avukati u nutara.[5]

F'Ġunju 2014 bdiet tagħmel xogħol manwali f'biċċa art li xtara l-konvenut biex jiżviluppaha f'appartamenti u penthouse. Kienet tuża' l-excavator u l-gaffa. Fost xogħol ieħor kienet tikkomunika mal-periti, tgħin fl-iddisinjar tal-appartamenti, tpinġi l-pjanti u tikkomunika ma' estate agents. Kien f'dan iż-żmien li l-attur wiegħedha l-*penthouse*.

Fis-sena 2017 is-sigħat tax-xogħol tagħha żdiedu b'mod sostanzjali tant li l-partijiet bdew jorqdu fil-barriera fejn kienet tagħmel 'il fuq minn 15-il siegħa xogħol kuljum u saret norma li jaħdmu sas-2 a.m. Eventwalment ġabu n-nies jgħinuha bit-€10 is-siegħa u kienu wkoll ġew Cacey Deguara li kienet titħallas €6.50 s-siegħa u Jacqueline Abela bil-€5 s-siegħa.

Dan jirriżulta mhux biss mid-depożizzjonijiet tal-attriċi imma wkoll mid-diversi messaġġi li kienet tagħmel l-attriċi anke f'ħinijiet filgħaxija fit-tard. Missier l-attriċi kkonferma l-ħinijiet twal u t-tip ta' xogħol. Jgħid li ċanfar lill-partijiet għax kienu jaħdmu wisq minn xi 6 am sa nofsillejl u 1 a.m.[6] Omm l-attriċi kkonfermat il-ħinijiet twal u li kienu mit-Tnejn sal-Ħadd,[7] u t-tipi ta' xogħol. Oħtha wkoll ikkonfermat it-tipi ta' xogħol.[8] Għadd ta' xhieda oħra ikkonfermaw il-ħinijet twal u t-tipi differenti ta' xogħol: Deyen Schembri[9],

[5] Fol 43-44.
[6] Fol 275-276.
[7] Fol 281-282.
[8] Fol 480.
[9] Fol 288-291.

Rudolf Aquilina, ex-impjegat mal-attur,[10] Philip Camilleri, ziju tal-konvenut,[11] Mary Camilleri, omm il-konvenut, Marco Theuma li kkonferma li l-attriċi kienet tixtri l-affarijiet għan-negozju tal-attur fis-sena 2017,[12] Jesmond Vassallo u Jacqueline Aquilina li kkonfermaw li l-attriċi kienet tieħu ħsieb l-accounts,[13] u Jacqueline Aquilina kkonfermat li ġieli damet taħdem mal-attriċi fil-barriera sa xi l-1 a.m.,[14] Periti u Estate Agents dwar l-art li l-attur kien jiżviluppa.

Il-konvenut, meta xehed fl-10 t'Ottubru 2019 jammetti li l-attriċi "ġieli kienet tgħinni xi ftit, dak kien xogħolha"; li kien hemm żmien meta kienet tmur kważi kuljum u żmien ieħor meta ma kinitx; li wara li ġiebu n-nanny kienet tmur kuljum; li kienet tagħmel xogħol tal-accounts. Kien skjett meta mistoqsi fiex kien jikkonsisti x-xogħol tal-*accounts.* Meta reġa' xehed fit-8 ta' Ġunju 2021, qal li l-ġbir tal-flus tan-negozju tiegħu fil-maġġor parti kienet tagħmlu l-attriċi.

Għal dan ix-xogħol l-attriċi kienet tagħmel użu miċ-ċellulari tagħha u li missierha kien ukoll jixtrilha l-*card*. Eventwalment l-attur għamlilha kuntratt tal-mobile u fil-fatt l-aħħar pagament għamlitu l-attriċi wara li tterminaw ir-relazzjoni.

L-attriċi tant kienet waslet fi stat fejn ma kellhix finanzi, li kellha tmiss il-flus kollha li kellha mġemma u cioe' s-somma ta' €7000. Il-ġenituri tal-attriċi wkoll ikkonfermaw li l-attriċi kienet nieqsa mill-flus. Il-konvenut innifsu ammetta li l-ġenituri tagħha kienu saħansitra jħallsu għall-ikel u ġugarelli tagħha, filwaqt li hu kien iħallas tal-iskola.[15] L-attriċi tiċħad li kien iħallas l-ispejjeż għall-iskola. Oħt l-attriċi Madeline Mamo kienet ikkonfermat ukoll li hija kemm-il darba kellha tixtri affarijiet għall-oħta għax din ma kienx ikollha flus. Ġie wkoll

[10] Fol 297-303
[11] fol 304-306
[12] Fol 436.
[13] Fol 462-463.
[14] Fol 457-461.
[15] Paġna 9 tax-xhieda tat-8 ta' Ġunju 2021.

prodott minn missier l-attriċi l-ktieb li kien iżomm ma' bintu li juri li hija kienet ħadet il-flus li kellha mġemma kollha.

Il-konvenut l-ewwel kien wiegħedha li ser iħallasha paga mbagħad li kien sejjer jibni penthouse u li din kien ser jaqlibha fuq isimha.

***Il-mezzi tal-persuna servuta*:**

Matul is-snin 2013 sa 2018 l-attur xtara diversi artijiet mingħajr ma kellu l-ħtieġa jissellef. Għandu għadd kbir ta' inġenji. Għandu kontijiet bankarji b'saħħithom. Irċieva, anke permezz ta' ċekkijiet, ammont sostanzjali ta' flus. Li jfisser li jdaħħal ammont ta' flus sostanzjali min-negozju tiegħu.

***Wegħda ta' ħlas*:**

Ġie ppruvat li l-konvenut l-ewwel kien iwiegħed li jagħti salarju lill-attriċi; imbagħad beda jwiegħed li bħala kumpens għax-xogħol li kienet tippresta, huwa jdawwar penthouse f'isimha.

Ramon Lautier, *estate agent,* xehed li lejn l-aħħar tas-sena 2016 kien avżat li l-*penthouse* kienet ser iżżommha l-attriċi. Dan sar jafu għax qalulu hekk iż-żewġ partijiet.[16]

Ġie esibit messaġġ mibgħut mill-attriċi lill-konvenut nhar it-22 ta' Ġunju 2017[17] fejn l-attriċi qed titlob flus u li l-*penthouse* tinqaleb fuq isimha. Mistoqsi dwar dan jammetti biss li l-attriċi kienet ilha tgħidlu biex jaqleb il-*penthouse* fuq

[16] Fol 490-496
[17] Dok MM9 esebit mal-affidavit tal-attriċi.

isimha.[18] Meta xehed darb'oħra,[19] mistoqsi fuq messaġġ li ntbagħat fis-sena 2018 fejn qal li kien se jdawwar nofs il-*penthouse* fuq isem l-attriċi) wieġeb li dan sar b'sens ta' disprament biex l-attriċi tmur lura d-dar.

L-attriċi xehdet dwar dan fid-dettal, liema xhieda kienet ukoll ikkoroborata mix-xhieda ta' familjari tagħha li kollha xehdu permezz ta' affidavit.

Minn din l-evidenza jirriżulta ppruvat li l-konvenut wiegħed il-*penthouse* bħala kumpens għax-xogħol li kienet għamlet l-attriċi.

***Allegat ħlas:***

Skont il-konvenut, l-attriċi kellha l-flus kontanti tan-negozju f'idejha, li kienet tuża' għall-ħtiġijiet tagħha u ta' binthom. In kontro eżami nhar it-27 ta' Jannar, 2022, huwa stess ammetta li hu u l-attriċi kienu jagħmlu rendikont tal-flus kontanti li kienu jdaħħlu fl-aħħar tal-ġimgħa jew kull ħmistax.

Il-konvenut fix-xhieda tiegħu ressaq diversi dokumentazzjoni relatati ma ċekkijiet, mammi ta' ċekkijiet u rendikont taċ-ċekkijiet. Huwa jgħid li kien hemm xi ċekkijiet li ma jafx fejn marru u jgħid ukoll li Marta tħallset mill-istess ċekkijiet.

Fix-xhieda tiegħu nhar il-15 ta' Lulju 2021 l-konvenut jispjega l-pagamenti li allegatament għamlet l-attriċi. Huwa jirreferi għall-fatt li missieru darba ħallas lill-attriċi s-somma ta' €1000 u ppreżenta dokumentazzjoni f'dan is-sens. Iżda mistoqsi in kontro-ezami fuq dan il-pagament, ikkonferma li dan il-pagament

[18] Xhieda tat-10 ta' Ottubru 2019
[19] 8 ta' Gunju 2021

kien fuq xogħol li Marta għamlet lill-missieru u ma kellux x'jaqsam man-negozju.

Il-konvenut xehed fit-8 ta' Ġunju 2021 fejn jgħid li huwa għandu xi tlieta jew erba' ċekkijiet li ma jafx fejn marru peress li l-mamma mhux miktuba u jgħid ukoll li għadu sal-lum ma jafx fejn marru. Meta reġa' xehed fil-15 ta' Lulju 2021 l-konvenut spjega li ċ-ċekkijiet kienu jissarfu fil-kont tiegħu u allega li l-attriċi ġieli ħadet xi ċekkijiet hi u marret issarrafhom. Huwa jgħid ukoll li għandu ċekk minnhom miktub mill-attriċi u għadu ma jafx x'sar minnu.

In kontro-ezami, mistoqsi jekk talabx rendikont dwar dawn iċ-ċekkijiet li semma' mill-bank wieġeb fl-affirmattiv u qal ukoll li għandu kopja ta' dan l-allegat ħlas li sar f'isem l-attriċi. Madanakollu din il-prova importanti ma ġabhiex miegħu. Meta mistoqsi wkoll fuq fol 680, li huwa mamma ta' ċekk fejn hemm miktub il-kliem 'Marta Mamo' huwa jgħid li għandu kopja ta' dan iċ-ċekk li iżda xorta waħda naqas li jesebixxi fl-atti.

L-attriċi ċaħdet li qatt kitbet jew ħadet xi ċekkijiet u żammet il-flus hi stante li kieku kien hemm pagament, hija ċertament ma kinitx se tistitiwixxi l-kawza odjerna u tinkorri spejjeż ġudizzjarji sabiex tieħu sehma. Għalhekk jirrizulta biċ-ċar li l-konvenut ma rnexxilux jipprova li sar ħlas lill-attriċi.

L-attriċi tiċħad li hija qatt kitbet jew ħadet xi ċekkijiet u żammet il-flus.

***Senserija.***

Skont l-attriċi, kienet għamlet senserija ma' ċertu Godwin Azzopardi, ħabib tal-familja tagħha, li ltaqgħet miegħu għand il-familja tagħha; l-attur ma kellux x'jaqsam ma' din is-senserija u għalhekk żammet ir-rikavat kollu hi. Il-konvenut għall-ewwel xehed li kien hu li ntroduċa lill-attriċi ma' Godwin

Azzopardi. In kontro-eżami qal li Godwin Azzopardi kien introduċieh miegħu sensar u kumbinazzjoni Marta kienet preżenti fl-uffiċċju dak il-ħin.

***Evaluwazzjoni tal-provi dwar ħlas.***

Ġaladarba l-attur jallega l-ħlas, huwa qiegħed fl-ewwel lok jammetti li l-ħlas kien dovut, kuntrarjament għall-allegazzjoni tiegħu li l-attriċi kienet qed taħdimlu gratis. Fit-tieni lok, huwa jġorr fuq spallejh il-piż li jippruvah.

Fl-ewwel lok, l-attur jallega li l-attriċi kienet tieħu mill-flus kontanti tan-negozju. Hemm indizji li jippuntaw kontra li l-attriċi kienet tbill subgħajha fil-fonti tal-ilma mbierek: il-fatt li kienet nefqet il-flus li kienet ġemmgħet qabel bdiet ir-relazzjoni; in-nuqqas ta' flus f'idejha li kienu jinnutaw il-familjari tagħha; il-fatt li l-konvenut lanqas għat-tarbija ma kien jikkontribwixxi kif imiss; it-tkarrib lill-attur mill-ġenituri biex iħallas lil binthom; il-fatt li l-flus kontanti kien isir rendikont tagħhom miż-żewġ partijiet kull ġimgħa jew kull ħmistax.

L-attur jallega wkoll illi l-attriċi bgħabset fiċ-ċekkijiet tan-negozju. Ikkontro-eżaminat wieġeb li talab rendikont mill-bank u li kellu kopja tal-ħlas li jallega li sar f'isem l-attriċi. Dokument li naqas li jesebixxi. Mistoqsi fuq mamma ta' ċekk[20] li fuqha hemm miktub 'Marta Mamo' qal li għandu kopja taċ-ċekk. Jgħid li l-kitba hi l-istess bħal kitbiet oħra; iżda jirriżulta biċ-ċar li dan mhuwiex il-każ, anke jekk wieħed ma jkunx espert kalligrafu.

[20] Fol 680

Minn ħarsa lejn din id-dokmentazzjoni esebita, ma hemm l-ebda pagament li sar a favur tal-attriċi. Kopja wkoll lejn statement bankarju tal-konvenut mal-Bank of Valletta juri li wieħed minn dawn iċ-ċekkijiet li l-mamma tiegħu ma kinitx mimlija u cioe' ċekk numru 00428 li jġib id-data 14 ta' Marzu 2018 kien għall-ammont ta' €140.[21] Kopja ta' dan iċ-ċekk li kellu biss aċċess għalih il-konvenut ma nġabx. Ċekk 423 li huwa ċekk ta' €1000 lanqas ma nġabet prova tiegħu u ma hemm l-ebda indikazzjoni li sar għall-attriċi.[22] Ċekk 416 kif indikat fil-mamma ġie cancelled u filfatt ma jidhirx fil-kont bankarju tal-konvenut. L-istess argument japplika fil-konfront taċ-ċekkijiet l-oħra.

L-attriċi tiċħad li hija qatt kitbet jew ħadet xi ċekkijiet u żammet il-flus.

Għalhekk il-konvenut ma ppruvax l-allegazzjoni tiegħu li l-attriċi mmiżappropprijat xi ċekkijiet tan-negozju.

Ma jistax ma jiġix rrimarkat li l-konvenut ma ressaqx provi dwar is-senserija fis-sens li kien hu li laqqa' lis-sensar mal-attriċi. Huwa kellu kull interess, speċjalment biex jipprova dan il-ħlas, li huwa qed jikkontendi sar bis-saħħa tiegħu, li jħarrek lis-sensar jew lil Godwin Azzopardi biex jixhed. Dan ma sarx. Min ma jressaqx l-aħjar prova jkun għamel hekk għax jaqbillu jaħbi l-verita`.

Ix-xhieda tal-attriċi hija ferm aktar kredibbli. Kieku l-konvenut kien qed ikun veritier fi kliemu li s-senserija kienet dovuta liż-żewġ partijiet, kien ċertament isemmi dan sa mill-bidu nett tal-proċeduri. Dan wisq u wisq aktar meta huwa tenna li huwa għandu provi tas-sid tal-art[23], liema provi huwa għażel li ma jressaqx.

Għalhekk ma jirriżultax li l-attriċi qatt irċeviet xi ħlas ta' kwalsiasi xorta.

[21] Fol 347
[22] Fol 345
[23] Paġna 9 tal-kontro-eżami tal-konvenut

Fil-mandat t'inibizzjoni li kienet talbet kontra l-konvenut, l-attriċi kienet talbet, bla preġudizzju, il-kawtela ta' €93,215 li waslet għaliha bil-komputazzjoni tal-paga medja f'Malta (€18,643) għal 5 snin. Ċertament l-attriċi ħaqqha l-paga medja tenut kont tal-kwalita` ta' servizzi li rrrendiet. Tenut kont tas-sigħat twal li ħadmet, il-Qorti sejra żżid, *arbitrio boni viri*, 20% biex b'hekk is-somma likwidata hi €111, 858 li l-Qorti qiegħda żżid għal €120,000. Dan biex tieħu qies tal-*penthouse* li l-konvenut kien iwiegħdha bħala ħlas. Naturalment il-prezz ta' *penthouse* huwa ħafna ogħla minn hekk, imma hawn qegħdin fl-isfera tal-kważi kuntratt, u mhux tal-kuntratt, u din il-Qorti sejra timxi mal-kriterji stabbiliti f'dan l-istitut mill-ġurisprudenza Maltija, anke jekk fil-fehma tal-Qorti il-likwidazzjonijiet għandhom ikunu iktar liberali meta jkun hemm wegħda ta' ħlas kwantifikabbli. Il-figura li qed tiġi likwidata tieħu qies u wkoll tal-arrikkiment tal-konvenut bil-prestazzjoni tal-attriċi, li ċertament kien ferm iktar minn din is-somma; u mill-istat ekonomiku tiegħu, li huwa wieħed ferm qawwi.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi illi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

(2) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-attriċi fuq medda ta' kważi ħames snin u ċioe' minn Lulju, 2013 sa Mejju 2018 ipprestat serviġi fin-negozju tal-konvenut, liema serviġi għandhom jiġu kumpensati.

(3) Tilqa' t-tieni talba billi tillikwida s-somma ta' €120,000 dovuta lill-esponenti mill-konvenut bħala ħlas għas-serviġi prestati minnha lilu fin-negozju tiegħu.

(4) Tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma hekk likwidatata bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Spejjeż inklużi dawk tal-mandat t'inibizzjoni 1835/18 a kariku tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA